# GĦANJA LILL-HEMDA

**Ta' Alexander Pope**

(miġjuba fil-Malti minn Dwardu Zarb)

Ferħan il-bniedem, dak li b'għaqlu jaħdem
Ir-roqgħa t'art li wiret minn missieru,
U hawn fis-safa t'arja jimla sidru
Fuq art bla mqabbla.

Il-merħla ttih iż-żibda, l-għalqa l-ħobża,
In-nagħġa s-suf li jinseġ f'għata ratba,
Is-siġra d-dell li jaħji fis-sajf mixwi,
Fix-xitwa l-ħatab.

Imbierek tassew dak li jgħix f'din l-għamla
Fil-waqt li sigħat, jiem u snin jitgerbu
Fis-serħ tal-moħħ, tal-ġisem l-akbar saħħa,
Tal-jum fil-ħemda.

Fil-fond jorqod bil-lejl, jistudja w jedha;
Għalih bħal balzmu l-ħin li fih jixxiegħel;
Jaħseb bla ħajna w qerq li jġibu t-toqol;
'Ma biss fil-għoġba.

Hekk irrid ngħix 'il bogħod mill-għajn, bla msemmi;
U hekk immut bla wara ma jibkuni;
Lanqas irrid li ġebla fqira turi
Fejn qiegħed qabri.